**KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 04/11(27_06_11).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 27 ta' Ġunju 2011, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, tal-Munxar.

Din il-laqgħa kienet imsejjħa biex issir fl-20 ta' Ġunju 2011 fis-6 ta' filgħaxija u ma saritx minħabba li ma kienx hawn *quorum* u fit-23 ta' Ġunju 2011 fis-7 ta' filgħaxija u ma saritx minħabba li ma kienx hawn *quorum*.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana – Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri – Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Saviour Spiteri – Viċi-Sindku, s-Sur Patrick Grima – Kunsillier u s-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-24 ta' Ġunju 2011.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Sejħa għall-offerti – *Public Private Partnership* fuq Toroq.
6. Fondi Eco-Gozo – Proġett ta' Parti mill-Pjazza tal-Knisja.
7. Sejħa għall-offerti – Sistema ta' *photovoltaic* għall-Kunsill.
8. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
9. Rapport taċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.
10. Rapport tas-Sindku.
11. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
12. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
13. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 39/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward '*Playing Fields* tal-Kunsilli Lokali b' Tagħmir li jista' jkun Perikoluż'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 40/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 25834 rigward ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni ta' toroq li saru fil-Kunsilli Lokali t' Għawdex mill-istess Kunsilli f' dawn l-aħħar sentejn.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 41/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Taħriġ għall-Impjegati tal-Libreriji Pubbliċi'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 42/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 24460 rigward iċ-ċittadini li għamlu talba għall-kumpens wara li ġarrbu ħsarat fil-vetturi tagħhom minħabba l-istat ħażin li jinsabu fih it-toroq tagħhom, matul is-snin 2007, 2008, 2009 u 2010.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 43/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Skemi ta' Finanzjament Speċjali għas-Sena 2011'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 44/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Korsijiet *Lifelong Learning*'.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 45/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 25950 rigward il-ħaddiema assenjati ma' kull Kunsill Lokali.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 46/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 26177 rigward kemm tħallsu *allowances* ta' Sindki u Kunsilliera fl-aħħar sentejn minn kull Kunsill Lokali f' Għawdex.

2.09 Il-Kunsill irċieva Memo 47/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Attivitajiet Kulturali fis-Sit www.lc.gov.mt'.

2.10 Il-Kunsill irċieva Memo 48/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Is-Servizzi tal-MEUSAC'.

2.11 Il-Kunsill irċieva Memo 49/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Studenti li jistgħu jagħmlu *Work Placement*'.

2.12 Il-Kunsill irċieva Memo 50/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Immaniġġjar tal-Iskart'.

2.13 Il-Kunsill irċieva Memo 51/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'L-ispezzjonijiet tal-MCCAA fuq il-*Playing Fields* u r-Rinnovazzjoni ta' dawn mill-Kunsilli Lokali'.

2.14 Il-Kunsill irċieva Memo 52/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward '*European Mobility Week – Car Free Day 2011* Kompetizzjoni għall-Kunsilli Lokali: *In Town Without My Car*'.

2.15 Il-Kunsill irċieva Memo 53/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Proċedura li għandha tiġi segwita meta Kunsill/Reġjun jiġi biex jaħtar Segretarju Eżekuttiv mill-Lista tal-*Pool* tas-Segretarji Eżekuttivi Prospettivi'.

2.16 Il-Kunsill irċieva Memo 54/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Lista ta' dawk interessati li jservu bħala Segretarji Eżekuttivi fil-Kunsilli Lokali (*Pool* ta' Segretarji Eżekuttivi Prospettivi)'.

2.17 Il-Kunsill irċieva Memo 55/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Finanzjament għall-Proġetti u Inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fil-Lokalitajiet Tagħhom'.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Council for the Voluntary Sector rigward 'Directory – Voluntary Sector'.

2.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ fejn il-Kunsill ġie mistieden sabiex jattendi għall-*Open Day of the China Cultural Centre* li ser tittella' bil-kollaborazzjoni maċ-Chinese Embassy to Malta, fis-6 ta' Mejju 2011.

2.20 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali Ċirkulari AKL Ċirk 35/2011 fejn b' referenza għal-Laqgħa għas-Sindki – 20 u 21 ta' Mejju 2011, qed jiġu ċċirkulati Dokumenti dwar il-Valletta 2018 Foundation, Dokument dwar il-*Playing Fields* u Il-Programm tal-Laqgħa.

2.21 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-*Communications Coordinator* fl-Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment rigward ir-rapport annwali maħruġ minn dan is-Segretarjat Parlamentari għal din is-sena, 'Bix-xogħol ninvestu f' soċjeta' b' saħħitha, Għalik'.

2.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Management Efficiency Unit fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward il-'Customer Care System – Refresher Course'.

2.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali rigward 'Jum għall-Protezzjoni tat-Tfal', kif ukoll ingħatat aktar tagħrif dwar il-ħidma tagħhom.

2.24 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali l-Aġenda u l-Minuti tal-Laqgħa għas-Sindki u l-Viċi-Sindki li saret fil-21 u 22 ta' Jannar 2011, f' Marsalforn.

2.25 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dr Simon Busuttil MEP (Member of the European Parliament), Head, Maltese Delegation in the EPP Group rigward 'Laqgħa ta' Djalogu', fit-3 ta' Ġunju 2011, f' Dar Manresa, Ir-Rabat, Għawdex.

2.26 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Kap, MEUSAC (Malta-EU Steering and Action Committee) 'Stedina għal Taħdita Pubblika - 7 Snin Sħubija fl-Unjoni Ewropea: il-kisbiet għalik', fit-3 ta' Ġunju 2011, fl-Aula Magna ta' l-Universita' ta' Malta fil-Belt Valletta.

2.27 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar Nru: ECF00253/11 li l-MEPA ħarġet lil sid ta' sit fi Triq il-Qsajjem, Ix-Xlendi, Il-Munxar minħabba ksur tal-kontroll ta' l-ippjanar li jikkonsisti fi żvilupp mhux skont il-permess PA4505/85 u li jikkonsisti fil-*basement* mibni għola minn dak approvat, gallariji mibnija differenti u *railings* saru tal-*aluminium* kif ukoll il-btieħi huma iżgħar u mibnija differenti minn dak approvat fl-istess permess.

2.28 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Executive, Tourist Information Centres, Communications and PR, Malta Tourism Authority (MTA) rigward *Information Brochure*. L-MTA tixtieq li jekk il-Kunsill għandu *brochures* dwar il-lokalita' tiegħu, dawn il-*brochures* jiġu mqassma fit-Tourist Information Centres, kif ukoll *poster* u *fliers* ta' attivitajiet li l-Kunsill ikun ser jorganizza, li huma ta' interess għat-turisti.

2.29 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur, Gvern Lokali rigward 'Komunikazzjoni mill-MCA (Malta Communications Authority) – Digital Switchover'.

2.30 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kunsill Lokali tan-Naxxar rigward 'Creative Thinking and Local Governance'.

2.31 Il-Kunsill u l-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi rċevew stedina u komunikazzjoni mingħand il-Kumitat Organizzattiv fi ħdan is-Segretarjat għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika u mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex sabiex jipparteċipaw fil-Konferenza '50 sena mill-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex – Esperjenza tal-Passat jew Mudell għall-Futur', fl-14 ta' Ġunju 2011.

2.32 Il-Kunsill irċieva stedina u l-programm mingħand id-Dipartiment Customer Services, Ministeru għal Għawdex għas-*Seminar* 'Raising Awareness about legal obligations on public health matters amongst tourism service providers' fit-13 ta' Mejju 2011, fl-Institute of Tourism Studies, Il-Qala organizzat mid-Dipartimenti tal-Customer Services u tat-Tourism & Economic Development fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

2.33 Il-Kunsill irċieva ittra u *brochure* mingħand id-Direttur, IOI-Malta Operational Centre (IOI-MOC), Universita' ta' Malta rigward il-CALYPSO project.

2.34 Il-Kunsill u l-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi rċevew *e-mail* mingħand id-Direttur, Gvern Lokali rigward 'Seminar fl-1 ta' Lulju 2011'.

2.35 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, Reġjun Għawdex rigward it-tmien laqgħa tal-Kumitat Reġjonali u l-Laqgħa tal-Kumitat Konġunt. Huwa bagħat kopja ta' l-Aġenda tat-tmien laqgħa tar-Reġjun tad-9 ta' Ġunju 2011 u kopja tal-Minuti tas-seba' laqgħa li saret fl-24 ta' Marzu 2011.

2.36 Il-Kunsill u l-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi rċevew *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'IMMAĠINA 18 – Kapitali Ewropej tal-Kultura' u fejn qed titwassal stedina għall-konferenza u sensiela ta' *workshops*.

2.37 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand iċ-Charity Events Organising Committee, The Sovereign Military Hospitaller Order of St. John of Jerusalem, of Rhodes and of Malta - Maltese Association għall-Vocal Charity Concert u Post Concert Champagne Reception fit-23 ta' Ġunju 2011, fis-St. John's Co-Cathedral, Valletta.

2.38 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Ittra ta' Permessi – Imwejjed u Siġġijiet' quddiem The Boathouse, Triq ix-Xatt, Ix-Xlendi, Il-Munxar.

2.39 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Ittra ta' Permessi – Imwejjed u Siġġijiet' quddiem It-Tmun, Triq ix-Xatt, Ix-Xlendi, Il-Munxar.

2.40 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand The Funding Unit tal-MEUSAC (Malta-EU Steering and Action Committee) rigward 'Europe for Citizens Programme – Action 1.1 Town Twinning Citizens Meetings'.

2.41 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand The National Commission for the Promotion of Equality (NCPE) rigward 'Think Equal – Photographic Competition & Exhibition'.

2.42 Il-Kunsill irċieva mill-Universita' ta' Malta l-Programm u *e-mail* rigward 'INCLUD-ED Training Seminar: Successful educational practices in Community Involvement', fil-21 ta' Ġunju 2011, fil-Corinthia San Ġorġ, San Ġiljan.

2.43 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Clifford Vella rigward ktieb li għadu kemm ippubblika dwar l-istorja ta' kull mitħna tal-qamħ li kien hawn u għad fadal ġewwa pajjiżna bl-isem ta' 'L-imtieħen tat-Tħin tal-Qamħ fil-Gżejjer Maltin'.

2.44 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-Chief Officer, Transport Malta rigward l-aġġornament fl-amministrazzjoni u l-emendi fit-tariffi tal-permessi għal xogħlijiet fit-toroq. Mehmuż kien hemm kopja tas-Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,747, 6 ta' Mejju 2011 – A.L. 173 tal-2011 – Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-regolamenti dwar Toroq Ġodda u Xogħlijiet f' Toroq (Emenda Nru. 2).

2.45 Il-Kunsill irċieva stedina u l-programm mingħand il-MEUSAC (Malta-EU Steering and Action Committee) għall-ewwel *Seminar* relatat mal-Europe 2020 Strategy li ser jittakilja l-'Aġenda for New Skills and Jobs' kif ukoll 'Youth in the EU', fit-22 ta' Ġunju 2011, fil-Palace Hotel, Sliema.

2.46 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Tabelli b' Malti Tajjeb'.

2.47 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA rigward 'Kompetizzjoni tat-Tpinġija għat-Tfal', li flimkien ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ser jorganizzaw bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet Jum Dinji għall-Ambjent.

2.48 Il-Kunsill irċieva Memo 56/2011 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Taħriġ mill-MCCAA għal dawk interessati li jkunu responsabbli mill-*Playing Fields* fil-Kunsilli Lokali'.

2.49 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC (Malta-EU Steering and Action Committee), rigward il-'Project Proposal for LIFE+'.

2.50 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Laqgħa Informattiva - National Enterprise Award', fl-4 ta' Lulju 2011, f' Dar l-Ewropa, Valletta.

2.51 Il-Kunsill irċieva Memo 57/2011 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'A.L. 230 tal-2011 – Regolamenti tal-2011 li jemendaw l-Ewwel, it-Tieni u d-Disa' Skeda li jinsabu mal-Att dwar Kunsilli Lokali u A.L. 231 tal-2011 – Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Raba', l-Għaxar u l-Ħdax-il Skeda li jinsabu mal-Att dwar Kunsilli Lokali'.

2.52 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand iċ-Chief Executive Officer, Gozo Tourism Association rigward 'Gozo Conferences'.

2.53 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Ambassador of Poland to Malta u l-Head, MEUSAC (Malta-EU Steering and Action Committee) rigward 'Presentation of the Programme of the Polish Presidency Public Dialogue'. Il-Kunsill ġie mistieden għall-*Public Dialogue*, fit-12 ta' Lulju 2011, fil-Hotel Phoenicia, Floriana.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid ta' għelieqi fil-mogħdija li hemm fi Triq il-Qsajjem, Ix-Xlendi. Huwa qed jitlob sabiex din il-mogħdija titnaddaf mill-ġebel u mill-busbies sabiex ikun jista' jgħaddi t-*tractor*. Il-Kunsill ser jieħu ħsieb sabiex din il-mogħdija titnaddaf.

3.02 Il-Kunsill irċieva talba mingħand sidien ta' għelieqi fi Triq Ras il-Bajjada sabiex ir-rampa li tagħti għall-proprjeta' tagħhom tiġi miksija bil-*concrete*. Il-Kunsill kien ser jivverifika jekk f' din il-parti hijiex ser titwessa' t-triq.

3.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Assistent Arkivista Nazzjonali, Għawdex fejn qed jirringrazzja lill-Kunsill li aċċetta l-proposta sabiex jieħu sehem fil-proġett ta' sett 20 kartolina, fl-okkażjoni tat-tifkira li sejra ssir f' għeluq il-Ħamsin sena mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex u l-għotja ta' ħamsa u sittin Ewro.

3.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kumitat ta' Puttinu Cares f' Għawdex fejn qed jirringrazzja lill-Kunsill ta' l-appoġġ, tal-ħidma u l-kollaborazzjoni tal-Kunsill waqt il-Puttinu Cares Gozo Sports Weekend. Għal dawn l-attivitajiet inġabru €21,000.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand Transport Malta rigward xi reviżjonijiet li hemm bżonn li jsiru fuq il-pjanta tal-Pjazza tal-Knisja. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet intbagħtu lill-Perit Samuel Formosa sabiex jagħmel it-tibdil meħtieġ.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mis-Segretarjat ta' l-Onor. Dr. Chris Said fejn ġie informat li għal darba oħra s-Segretarju Parlamentari ser jerġa' jibda sensiela ta' żjarat fil-lokalitajiet kollha. Il-laqgħa mal-Kunsill Lokali tal-Munxar ser issir nhar il-Ħamis, 21 ta' Lulju 2011, fl-10 ta' filgħodu. L-għan prinċipali ta' dawn iż-żjarat ser ikun li jżur proġetti li l-Kunsill għamel jew inkella qiegħed fil-proċess illi jwettaq ġewwa l-lokalita'. Il-Kunsill qed jintalab jibgħat lista bid-dettalji ta' dawn il-proġetti bid-dettal ta' kull proġett, kif ser ikun finanzjat u f' hiex waslu x-xogħlijiet. Il-Kunsill kien ser jinkludi l-proġetti 313 u 323, PV għall-Uffiċċju u proġetti Eco-Gozo.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kumpanija Frank Salt fejn qed jitolbu sabiex jagħmlu reklamar u manutenzjoni ma' *safety barriers* fil-lokalita'. Din il-proposta ma tistax tiġi milqugħa peress li ma jistax isir reklamar f' post pubbliku mingħajr il-permessi mingħand il-MEPA u d-Dipartiment ta' l-Artijiet.

3.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Uffiċċju tal-Kultura rigward il-Kalendarju Kulturali għall-Gżira ta' Għawdex li jkopri sena sħiħa bejn l-1 t' Ottubru 2011 u l-aħħar ta' Settembru 2012.

3.09 Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet lill-Viċi-Sindku, s-Sur Saviour Spiteri sabiex tibgħat il-kondoljanzi tagħha għat-telfa ta' ommu, s-Sinjura Venuta Spiteri. Il-Kunsill ukoll jingħaqad ma' l-Assoċjazzjoni u jibgħat il-kondoljanzi lill-familja Spiteri.

3.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Uffiċċju ta' l-Istatistika dwar stħarriġ dwar il-kompożizzjoni ta' l-Iskart Muniċipali bil-għan li tinġabar informazzjoni dwar il-kwantita' ta' l-Iskart Domestiku fil-gżejjer Maltin. Din il-kampanja ser issir bejn it-Tnejn u s-Sibt 4 u 9 ta' Lulju 2011.

3.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Uffiċċju ta' l-Istatistika dwar iċ-Ċensiment tal-Popolazzjoni u Djar 2011. L-Uffiċċju qed jistieden lill-Kunsill sabiex jagħti proposti li jixtieq għaċ-ċensiment li ser isir f' Novembru 2011.

3.12 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni rigward ir-rotot il-ġodda tal-karozzi tal-linja. Il-Kunsill kien talab sabiex xi rotot li jinżlu Ix-Xlendi jgħaddu mill-Munxar. In-*network* li ser jibda fit-3 ta' Lulju 2011 hu l-aħjar bilanċ bejn servizz tajjeb, nollijiet li jiflaħhom kulħadd u sussidju sostenibbli. Il-Ministeru ser jibqa' jsegwi l-imġieba u d-domanda tal-passiġġieri biex jaraw kif is-servizz jista' jittejjeb minn żmien għal żmien.

3.13 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand sid ta' proprjeta' li qiegħda taħt Triq il-Kantra, Ix-Xlendi. Huwa sar jaf li l-Kunsill ser jirranġa l-passaġġ tal-Kantra u għaldaqstant qed jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill li dik l-*area* hija proprjeta' tiegħu u ta' l-aħwa. Huwa ser jipprovdi *site plan* aktar 'il quddiem. Ġie deċiż li l-Kunsill jistenna s-*site plan* sabiex jiġi stabbilit eżattament il-proprjeta' ta' din il-persuna.

3.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward taħriġ li ser isir liċ-ċittadini f' kull lokalita' ta' Malta u Għawdex dwar l-użu tas-servizz *e-gov*. Dan it-taħriġ ser jibda jsir minn Settembru 2011 u jibqa' sejjer sa Lulju 2013. L-ewwel preferenza dwar dan it-taħriġ qed tingħata lill-Kunsilli Lokali u għaldaqstant dawk il-Kunsilli li jixtiequ jibbenefikaw minn din l-inizjattiva għandhom japplikaw fuq il-formola annessa ma' l-*e-mail*. Ġie deċiż li l-Kunsill japplika.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 04/11(27_06_11).

## 5.00 Sejħa għall-offerti – *Public Private Partnership* fuq Toroq.

5.01 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar kemm ser jgħaddi ammonti skont iċ-ċifri li l-Kunsill irċieva mill-offerti. Il-persentaġġ li jingħata mingħand id-Dipartiment ser ikun dak li jiġi l-orħos u għal fini ta' pagamenti, l-Kunsill imur għall-*Option A* li jfisser li l-Kunsill jagħżel l-iskema tal-*Public Private Partnership* fuq 8 snin u d-Dipartiment jgħaddi 30% ta' l-offerta magħżula skont kif stabbilit fl-iskema msemmiha.

Dawn huma l-kalkoli li għamel il-Kunsill:

*Budget* għat-tiswija ta' Toroq għall-Kunsill Lokali tal-Munxar - €50,500 kull sena.

Spiża totali sabiex jitlestew ix-xogħlijiet - €434,289.

<u>*Option A* – 8 snin</u>

| | | | |
|---|---|---|---|
| Tlestija tax-xogħlijiet | 40% | - | €173,715 |
| Tmiem ta' l-ewwel sena | 20% | - | €86,857 |
| Tmiem tat-tieni sena | 10% | - | €43,428 |
| Tmiem tat-tielet sena | 5% | - | €21,714 |
| Tmiem tar-raba' sena | 5% | - | €21,714 |
| Tmiem tal-ħames sena | 5% | - | €21,714 |
| Tmiem tas-sitt sena | 5% | - | €21,714 |
| Tmiem tas-seba' sena | 5% | - | €21,714 |
| Tmiem tat-tmien sena | 5% | - | €21,714 |

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ser iħallas - €130,286.94.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi jekk il-proġett jitħallas fuq sentejn minflok 8 snin ser jiġi ffrankat madwar €86,840.00. Għaldaqstant ġie deċiż li l-Kunsill/Kumitat Amministrattiv jagħżel *Option B* iżda qed jiġi mitlub li d-Dipartiment ikopri wkoll is-somma ta' €93,724.75.

Il-proposta hija din:

Gatt Tarmac Ltd. qed jitlob €347,449.5 u jitħallsu fuq sentejn – *Option B*.

Il-Kunsill huwa f' pożizzjoni li jikkontribwixxi €40,000 kull sena – total ta' €80,000.

Id-Dipartiment diġa' wiegħed li se jikkontribwixxi 50% jiġifieri €173,724.75.

Mill-Proġett kollu jibqa' bilanċ ta' €93,724.75.

Għaldaqstant il-Kunsill/Kumitat Amministrattiv qed jitolbu lid-Dipartiment sabiex jikkontribwixxi wkoll il-bilanċ tal-proġett jiġifieri €93,724.75.

## 6.00 Fondi Eco-Gozo – Proġett ta' Parti mill-Pjazza tal-Knisja.

6.01 Il-Kunsill diġa' ffirma l-Kuntratt sabiex titranġa parti mill-Pjazza tal-Knisja. Il-proġett ser jiswa €84,160 u l-kontribuzzjoni mill-fond Eco-Gozo ser tkun ta' €70,000. Għaldaqstant ġie deċiż li l-Perit Samuel Formosa jipprepara l-*Bill of Quantities* u hekk kif ikunu lesti, l-Kunsill joħroġ it-*Tenders*.

**7.00 Sejħa għall-offerti – Sistema ta' *photovoltaic* għall-Kunsill.**

7.01 Fil-laqgħa kien hawn preżenti l-Inġinier Mario Galea.

Is-Sejħa għall-Offerti ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Mejju 2011 u fil-Malta Independent tal-11 ta' Mejju 2011. L-offerta għalqet f' nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, 8 ta' Ġunju 2011.

Il-kaxxa ta' l-offerti ngħalqet u nfetħet fit-8 ta' Ġunju 2011 u nstabu sitt offerti:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Solar Solutions Ltd. (option 1) | €8,019.64 |
| | Solar Solutions Ltd. (option 2) | €8,750.37 |
| 2. | Alberta | €8,881.38 |
| 3. | Panta Marketing & Services Ltd. | €8,605.73 |
| 4. | Frank Borda Ltd. | €11,082.35 |
| 5. | Solar Engineering Ltd. (option 1) | €9,425.00 |
| | Solar Engineering Ltd. (option 2) | €8,425.00 |
| 6. | Fritz Energy | €8,100.30 |

Il-Kunsill ikkummissjona lill-Inġinier Mario Galea sabiex jeżamina l-offerti mitfugħin.

L-Inġinier Mario Galea fir-rapport tiegħu rrikkmanda lill-Kunsill li din l-offerta tingħata lil Solar Engineering Ltd. għall-*option* 2 minħabba li hija l-orħos waħda għall-affarijiet tekniċi mitluba.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta tingħata lil Solar Engineering Ltd. għall-*option* 2.

**8.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

8.01 F' dawn l-aħħar jiem kienu saru tliet bankini fix-Xlendi u oħra fil-Munxar. Tranġaw il-*gutters* ta' fuq il-bankini fi Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina u Triq il-Madonna tal-Karmnu, Il-Munxar. Qed jinżebgħu l-marki fit-toroq fil-Munxar u anke' fix-Xlendi. Fix-Xlendi qed tinżebaħ il-kurduna u qed isir il-qtugħ ta' ħaxix. Sar *patching* fi Triq Żgħawri u Triq ix-Xatba.

**9.00 Rapport taċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi.**

9.01 Iċ-*Chairperson* is-Sur Godwin Azzopardi ma kienx preżenti fil-laqgħa.

**10.00 Rapport tas-Sindku.**

10.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li saret *DNO application* sabiex isir il-bust fi Ġnien il-Professur Ġuże' Aquilina peress li ma setax isir permezz ta' *minor amendment*. Kien sar l-iffirmar tal-Proġett Eco-Gozo. Il-Kumpanija Arriva ma aċċettatx ir-rotot li kien talab il-Kunsill. Fix-Xlendi tpoġġew tliet *skips* sabiex is-sidien ta' stabbilimenti jitfgħu materjal għar-riċiklaġġ. Il-MEPA qed jitolbu li l-Kunsill ipoġġi garanzija ta' €10,000 sabiex jinħareġ il-permess għall-passaġġ ta' Tal-Ponta. Il-Kunsill ipprotesta.

10.02 Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir laqgħa mal-Kappillan il-ġdid Dun Michael Said sabiex nippreżentawlu tifkira tal-pussess tiegħu.

10.03 Peress li hemm xi tabelli neqsin fix-Xlendi, s-Sindku għamel talba lid-Direttur, Proġetti u Żvilupp sabiex jitwaħħlu.

10.04 Is-Sindku ltaqa' ma' Christian Koller dwar il-monument li ser jiġi mnaqqax fil-Pjazzetta ta' Triq it-12 ta' Diċembru 1957.

10.05 Saret talba sabiex titranġa l-bankina ta' Triq l-Isqawi biex b' hekk sid l-għalqa jkun jista' jidħol bil-moħriet. Saret talba wkoll biex parti minn bankina fi Triq il-Munxar titranġa peress li qed jaħbtu l-vetturi magħha. Ser isir *double yellow line* quddiem id-dar ta' Maria Muscat fi Triq San Pawl, Il-Munxar.

**11.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

11.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-offerta ta' ġbir ta' skart domestiku li kienet ħarġet flimkien mal-Kunsilli Ta' Sannat, Ix-Xewkija u Ix-Xagħra kienet ġiet mogħtija lill-KIP Għawdex Ltd. Il-Kunsilli l-oħra kienu ffirmaw il-ftehim separatament u issa jmiss lill-Kunsill tal-Munxar sabiex jiffirma mal-KIP Għawdex Ltd. għal erba' snin. Kien hemm qbil dwar dan.

11.02 L-offerta tal-*patching* bit-tarmak kienet għalqet u għaldaqstant kien hemm qbil li din terġa' tiġġedded bl-istess prezzijiet u kundizzjonijiet.

11.03 L-offerti tal-Bankini u ta' Kiri ta' Makkinarju kienu ser jgħalqu fl-aħħar ta' Ġunju 2011. Dawn ma jistgħux jiġġeddu peress li kien ilhom tliet snin. Għaldaqstant ġie deċiż li dawn l-offerti jerġgħu joħorġu bl-istess kundizzjonijiet. Ix-xogħol ta' gaffa u rranġar ta' żewġ bankini kien ser jingħata b' ordni diretta.

**12.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

12.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**13.00 Materji oħra.**

13.01 Ma kienx hemm materji oħra x' jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 28 ta' Lulju 2011, fis-7.00 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***